MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2003

Numru. 402/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs-**

**PAULINE MERCIECA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputata **PAULINE MERCIECA** bint Michael Portelli Cauchi residenti Empal, Wardija Street, Qala, Ghawdex detentrici tal-karta tal-identita 31439 (G) giet imressqa quddiemha akkuzata talli fid-dsatax ta' Lulju, 2003 ghall-habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar f'ghalqa limiti ta' Wardija Street, Qala, Ghawdex xehtet oggett iebes, gebel fid-direzzjoni ta' Paul Buttigieg mill-Qala, Ghawdex u talli heddet lill-istess Paul Buttigieg verbalment.

Rat l-artikoli tal-Ligi u cioe` l-artikolu 339 (1) (c) u 339 (1) (e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe` PS 261 u Paul Buttigieg u Angela Azzopardi u lill-imputata tixhed minn jeddha b'mod volontarju.

Ikkunsidrat:

**Illi mill-provi prodotti l-ewwel akkuza hija ppruvata mix-xhieda tal-imputata stess minn dak li qalet lil PS 261 li jammonta ghal konfessjoni u tikkundannha amenda ta' ghaxar liri Maltin (Lm10) u mhux hatja tat-tieni akkuza u tilliberha minnha.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------